# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April, 2001 .

### Citazzjoni numru : 32/99G1(PC)

**Is-Socjeta' kummercjali G.V. Gozo Developments Company Limited .**

vs

**Is-Sindku**
**Kunsill Lokali Xewkija .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ippremettiet :**

**Illi s-socjeta' attrici giet inkarigata mill-konvenut sabiex taghmel xi xoghlijiet fil-post maghruf bhala "Il-Gibjun", Triq il-Kbira, Xewkija, Ghawdex, skond kuntratt Numru 97-98/08 ;**

**Illi l-imsemmija xoghlijiet ilhom li tlestew mit-tnejn (2) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ;**

**Illi l-ammont dovut ghal dawn ix-xoghlijiet hu sitt elef erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (LM6,485.94) ;**

**Illi l-konvenut hallas biss is-somma ta' erbat elef seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (LM4,757.80) mill-ammont dovut :**

**Illi ghalkemm is-socjeta' attrici nterpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc dovut ta' elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (LM1,987.36) rapprezentanti l-bilanc dovut ta' elf seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbatax il-centezmu (LM1,728.14) u mitejn u disgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM259.22,0) ammont dovut ta' VAT, il-konvenut baqa' inadempjenti .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:**

**1. Tordna lill-konvenut ihallas il-bilanc dovut, kif ukoll l-ammont ta' VAT dovuta fuq l-istess bilanc u bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 1999 .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' John Vella .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi :**

**1. Preliminarjament illi din ic-citazzjoni hija irrita u nulla in kwantu ma jirrizultax car min huwa l-konvenut li qieghed jigi citat mis-socjeta' attrici jekk hux is-Sindku jew il-Kunsill .**

**2. Illi kemm-il darba din il-kawza hija diretta kontra s-Sindku allura ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-sindku u s-socjeta' attrici billi l-appalt inghata mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija .**

**3. Illi alternattivament kemm-il darba l-konvenut huwa l-Kunsill Lokali tax-Xewkija allura dan ma giex citat korrettement ghaliex is-Sindku ma ghandux ir-rapprezentanza guridika tal-Kunsill .**

**4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju la l-bilanc pretiz u l-inqas il-VAT ma huma pagabbli u dan ghaliex il-hlas kollu li kien dovut ghax-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici gie pjenament saldat fit-termini tal-ftehim inizjali .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minn Agostino Dingli bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija .**

**Rat il-verbal taghha tat-22 ta' Frar 2001 fejn halliet din il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzonijiet preliminari .**

**Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar dawn l-eccezzjoniijiet .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-konvenut qieghed permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet jeccepixxi l-irritwalita' u nullita' ta' din ic-citazzjoni ghas-segwenti ragunijiet :**

**1. Mhux car la mill-okkju tal-kawza u lanqas mil-korp tac-citazzjoni min huwa proprjament il-konvenut, u cioe' jekk hux is-Sindku jew inkella l-Kunsill Lokali tax-Xewkija ;**

**2. Kemm-il darba l-kawza hija diretta kontra s-Sindku, dan m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici ;**

**3. Kemm-il darba saret kontra il-Kunsill, dan mhux legittimament rapprezentat .**

**Il-legali tas-socjeta' attrici kkjarifikat permezz ta' verbal maghmul fl-udjenza ta' l-14 ta' Mejju 1999 illi "c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata kemm kontra s-sindku tal-Kunsill lokali Xewkija, kif ukoll kontra l-kunsill lokali Xewkija innifsu …." . Imma mbaghad fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha tas-26 ta' Marzu 2001 rigward dawn l-eccezzjonijiet s-socjeta' attrici sostniet illi : "…. Fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici harrket lill-Kunsill Lokali Xewkija, rapprezentat mis-Sindku" . Jidher ghalhekk illi anke f'ghajnejn l-istess socjeta' attrici, tezisti certa konfuzjoni dwar min proprjament kellha ntenzjoni tharrek permezz tac-citazzjoni prezenti . Madankollu anke jekk tigi accettata din l-ahhar verzjoni tas-socjeta' attrici, jibqa' diffikulta' dwar ir-rapprezentanza legali tal-Kunsill Lokali partikolari .**

**L-artiklu 27 ta' L-Att XV tal-1993 li waqqaf il-Kunsilli Lokali f'Malta, jistipula illi "Ir-rapprezentanza legali u guridika tal-Kunsill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju li jistghu jharrku u jkunu mharrka f'isem il-Kunsill …." . Dan ifisser illi s-Sindku wahdu m'ghadhux ir-rapprezentanza guridika tal-Kunsill Lokali u kif tajjeb fisser il-konvenut fin-nota ta' l-osservazjonijiet tieghu : "Din hija disposizzjoni tal-ligi espressa u preciza u ghaliha ma jista' jkun hemm ebda deroga jekk mhux bis-sahha ta' xi intervent legislattiv iehor" .**

**Is-Socjeta' attrici infatti dan tirrejalizzah u sabiex tipprova tissana l-atti sew fil-verbal waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 1999 u anke fin-nota ta' l-osservazjonijiet taghha gia msemmija, titlob il-kjamata fil-kawza tas-Segretarju tal-Kunsill . Huwa minnu illi l-ligi permezz ta' l-art. 961 tal-Kap. 12 tippermetti li terza persuna tigi msejha fil-kawza "sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba", imma kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, dan "ma jistax iservi biex tikkonvalida proceduri nullament proposti " (ara Appell : "Rita Portelli v. Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et." Kollez. Vol. LXIX. pt. 1p. 96) . Fil-kawza prezenti ma kellniex il-kaz fejn attur qed jitlob is-sejha ta' terza persuna li jirrizulta waqt il-kors tas-smiegh tal-kawza illi jista' jkollha interess fl-ezitu taghha . Ghal-kuntrarju ghandha persuna illi l-ligi tassattivament tindika bhal wahda miz-zewg persuni li flimkien ghandhom ir-rapprezentanza guridika ta' Kunsill Lokali, haga li s-socjeta' attrici kien imissha taf *a priori*. Kif gie ritenut fil-kawza**

**"Joseph Bonello vs. Giljan Bonello" (Kummerc : 25.4.1980, citata fil-kawza kostituzzjonali "Perit Vincent Galea vs. Chairman tal-Kumisssjoni dwar is-Servizz Pubbliku et. Vol. LXIX. pt. 1 p. 96 et. seq.) : "Huwa fatt li gie hafna drabi deciz mill-Qrati taghna li l-kjamata in kawza mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li ghandha tigi kjamata kien jezisti mill-bidu tal-procediment…" .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut u tiddikjara din il-kawza irrita' u nulla .**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici .**

**Magistrat .**

**Deputat Registratur .**

S3299Pc
1043